**Stqarrija mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 365 tat-28 ta' Lulju 2020 dwar attività ġurnalistika fil-viċinanzi tal-bini tal-Parlament**

Inġibditli l-attenzjoni li waqt li l-Membri Parlamentari jkunu ġejjin jew ħerġin mill-Parlament, qed jintalbu jagħtu xi kummenti minn ġurnalisti b'mod li forsi jista' jiġi deskritt bħala daqsxejn insistenti.

Filwaqt li s-Sedja tagħraf u tirrispetta d-dritt li l-ġurnalisti għandhom dejjem jitħallew jaqdu d-doveri tagħhom, bħalma għamlet f'okkażjonijiet oħra – nagħmel referenza għal *rulings* mogħtija f-Seduta 191 tas-27 ta' Ottubru 2014 u fis-Seduta 493 tat-13 ta' Marzu 2017, tfakkar f'dak li jgħid is-subinċiż (d) tas-subartikolu (4) tal-artikolu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, u ċjoè li jkun jikkostitwixxi reat kontra dan l-Att:

> "kull min jaħbat għal Membru, ifixklu jew jinsultah filwaqt li jkun sejjer jew ġej lura mill-Kamra jew minħabba d-dmirijiet tiegħu fil-Kamra, jew kull min, b'forza, b'insult jew b'theddid, ifittex li jġiegħel Membru illi jiddikjara ruħu favur jew kontra proposta jew xi ħaġa li tkun għadha miexja jew li tkun sejra tinġieb quddiem il-Kamra;"

Għaldaqstant il-Kamra tappella għall-buon sens, koperazzjoni u komportament dekoruż da parti ta' kulħadd għaliex wieħed irid dejjem iżomm quddiem għajnejh u jirrispetta l-fatt li Membru Parlamentari jiġi l-Parlament sabiex jaqdi l-mandat li ngħatalu li jirrappreżenta ċ-ċittadin fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.

Infakkar li kif ingħad fiż-żewġ *rulings* ċitati, il-ġurnalisti huma mitluba ma joħorġux 'il barra miż-żona rriżervata għalihom immarkata mill-kurdun li hemm fid-daħla tal-binja tal-Parlament, u jekk dawn jagħmlu dan, jistgħu jkunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati.